**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 9 ta' Ottubru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Leanne Chalbi**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputata: LEANNE CHALBI 278088M;**

**Akkużata talli**: ***nhar is-07/10/2024 u fil-grantet u jew gimghat u, jew xhur ta' qabel gewwa Sliema, Marsa u diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer:***

1. *Kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-**Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D.,** datat 4 ta' April, 2024 f' dan li bih inghatat l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li tirraporta fl-ghassa tal-Pulizija tas-Sliema kull jum.*

*Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmija **Leanne Chalbi** u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputata **u, jew** tordna li s-somom marbuta jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom id-Digriet ghall-Helsien mill-arrest (Dok EH 2) l-istqarrija tal-imputata (Dok EH 3) u l-atti processwali kollha.

**Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u semgħetha tikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tagħha** anke wara li l-Qorti wissietha dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tagħtha żmien biex terġa tikkunsidra l-pozizzjoni tagħha u terga tikkonsulta ruħha mal-avukat.

**Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena** idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputata għar-reati addebitati lilha fejn issuġġerew lil Qorti piena ta' multa u konfiska tad-depozitu u mhux ukoll tal-garanzija.

Rat ukoll li l-ufficjal prosekutur iddikjara li mhux qed jinsisti ghar-riarrest tal-imputata.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputata, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputata, l-ammissjoni bikrija, ċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 579(1), (2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) fuq ammissjoni, ssib lill-imputata **LEANNE CHALBI** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u **tikkundannaha għall-piena ta' multa ta' hames mitt Ewro (€500) pagabbli f'pagamenti ta' €50 fix-xahar, filwaqt li tordna li l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500) ddepożitat minnha mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest permezz tad-digriet datat 24 ta' April 2024 jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta, filwaqt li MHUX qeda tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputata.**

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex jiġi kkonfiskat l-imsemmi depożitu u tithallas il-multa.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**9 ta' Ottubru 2024**